SAN GILJAN
# KUMITAT AMMINISTRATTIV PACEVILLE
Triq Forrest, San Giljan, STJ 2033
Tel: 21373111 Fax: 21373444
email: sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 29/KA1/13

**Nru tal-laqgħa minn 12/07/'10 – 29/04/'13** **29**

**Nru ta' seduti minn 12/07/'10 – 29/04/'13** **38**

**1. Introduzzjoni**

1.01 Minuti tal-laqgħa li saret nhar it-Tnejn 29 t'April 2013.

1.02 Il-Kumitat Amministrattiv Paceville iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, Triq Forrest, San Ġiljan, fl-10.30a.m.

1.03 Preżenti: Iċ-Ċermen Richard Scicluna
Il-Membru Joseph Oliva

Is-Sindku Peter Bonello
Is-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker
L-iskrivana Marilyn Cassar

1.04 Preżenza tal-Pubbliku:- (0).

1.05 Iċ-Ċermen ippresieda l-laqgħa.

**1.1 Talba**

1.1.01 Inqrat it-Talba.

**1.2 Aġenda**

1.2.01 Il-Kumitat mexa fuq l-avviż li ġie ppubblikat fit-23 t'April 2013. L-Aġenda kienet hekk:

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza

3. Aġġornament - Co-option ta' Tlett Membri
4. Rapport Finanzjarju sal-31 ta' Marzu 2013
5. Komunikazzjoni miċ-Chairman
6. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet
7. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

**1.3 Approvazzjoni ta' Minuti**

1.3.01 Iċ-Ċermen ressaq għall-approvazzjoni l-Minuti 28/KA1/13 u pproponihom.

1.3.02 Il-Membru Joe Oliva ssekondah.

1.3.03 Il-Kumitat qabel unanimament.

**2 Korrispondenza**

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Ċermen. Dawn huma:-

| Rif. Nru. | Korrispondenza |
|---|---|
| P184 | Email mingħand id-Direttorat għas-Saħħa Ambjentali rigward il-latrina pubblika ġewwa Paceville. |
| P186 | Email mingħand is-Sur Ray Bonnici rigward permess ta' riklam fuq għamara fi Triq Paceville kantuniera ma' Triq Ross. |
| P205 | Email mingħand is-Sinjura Roza Zammit Salinos rigward possibilita' li jsir *Motor Cycle Parking* fi Triq Spinola. |

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

Rif. Nru. P184

2.02 Saret riferenza għall-email mingħand id-Direttorat għas-Saħħa Ambjentali rigward il-latrina pubblika ġewwa Paceville. Il-Kumitat issuġerixxa li ssir latrina fi Triq Wilġa faċċata tar-roundabout ftit l-isfel mill-Bus Stop. Il-Membri tal-Kumitat ser jipprovdu ritratti tal-post u wara jiġi nfurmat il-*Works Division* biex tittiehed kull azzjoni neċessarja biex issir latrina pubblika f'Paceville. KA 106/158/13 - mc

Rif. Nru. P186

2.03 Saret riferenza għall-email mingħand is-Sur Ray Bonnici rigward riklamar fuq għamara fi Triq Paceville kantuniera ma' Triq Ross. Ġie deċiż unanimament li jiġi mitlub jipprovdi lill-Kumitat il-permess tal-MEPA li seta' jwaħħal it-tabella mal-ħajt filwaqt li l-Kumitat jibqa' jinsisti li qabel twaħħlet it-tabella, kien hemm l-isem tat-triq li llum m'għadhux jidher. Għalhekk il-Kumitat jesiġi li s-Sur Bonnici jara li jerġa' jitwaħħal l-isem tat-triq għas-spejjez tiegħu. Rigward il-laqgħa li talab mal-Membri tal-Kumitat, gie deċiż li l-laqgħa ssir fis-27 ta' Mejju 2013 fil-5.00p.m. ġewwa l-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill. KA 104/Len/13-m

Rif. Nru. P205

2.04 B'riferenza għal-email mingħand is-Sinjura Roza Zammit Salinos rigward il-possibilita' li jsir *Motor Cycle Parking* fi Triq Spinola, ġie deċiż unanimament li l-Kumitat ser jikkonsidra din it-talba. KA 105/Len/13-mc

## 3 Aġġornament - *Co-option* ta' Tlett Membri

3.01 Il-Membri ġew nfurmati bl-ittra li l-Kumitat irċieva mingħand id-Deputat Mexxej għall-affarijiet tal-Partit, Partit Laburista biex tiġi co-opted is-Sinjura Maria Dolores Falzon (Ara Appendiċi 'A') u li ntbagħtet ittra '*by hand*' lis-Sinjura Falzon sabiex tiġi nfurmata bin-nomina tagħha u tinforma lill-Amministrazzjoni tal-Kunsill jekk taċċettax din il-kariga iżda sal-lum 29 t'April 2013 kienet għadha ma tgħatx risposta.

3.02 Hawnhekk il-Membru Joe Oliva nforma lill-Kumitat li s-Sinjura Falzon kellha tibgħat il-konferma bil-miktub.

3.03 Iċ-Chairman iddikjara li għamel ħiltu kollha iżda ma sab lil ħadd. Il-Kumitat gie nfurmat li ser jiġi nfurmat id-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward din s-sitwazzjoni. KA 91/059/157/13-mm

## 4 Rapport Finanzjarju sal-31 ta' Marzu 2013

4.01 Il-Kumitat ġie ppreżentat b'kopja tar-Rapport Finanzjarju sal-31 ta' Marzu 2013 (Ara Appendiċi 'B').

4.02 Is-Segretarju Eżekuttiv tat spjegazzjoni ddettaljata ta' dan ir-rapport.

4.03 Iċ-Chairman ppropona l-approvazzjoni tiegħu.

4.04 Il-Membru Joe Oliva ssekondah.

4.05 Il-Kumitat qabel unanimament.

**5 Komunikazzjoni miċ-Ċermen**

5.01 Ġie deċiż unanimament li tintbgħat ir-rakkomandazzjoni lit-Transport Malta sabiex jsiru bollards fit-tarf tal-bankina tat-Triq Paceville, Triq Wilġa u Triq il-Knisja peress li qed jitilgħu l-vetturi fuqhom u qed jinkisru l-i*slabs* tad-drenaġġ u tappieri oħra t'entitajit differenti. KA 107/43d/13-mc

**6 Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-kontijiet**

6.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti tal-kontijiet għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'C').

6.02 Il-Membru Joseph Oliva ppproponihom.

6.03 Iċ-Ċerman issekondah.

6.04 Il-Kumitat qabel unanimament.

**7 Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets**

7.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Purchase Request Sheets minn nru. 221 sa nru. 224 għall-approvazzjoni u ppproponihom (Ara Appendiċi 'D').

7.02 Il-Membru Joe Oliva ssekondah.

7.03 Il-Kumitat qabel unanimament.

7.04 Il-laqgħa għax-xahar ta' Mejju ser issir nhar it-Tnejn 27 ta' Mejju 2013 fl-5.30p.m.

7.05 Iċ-Ċermen għalaq il-laqgħa fl-11.30a.m.

**Richard Sciclunа**
**Ċermen**
24/5/13.

**Helen Walker**
**Segretarju Eżekuttiv**